**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

## GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

**SEDUTA TA' NHAR IT-TLIETA 30 TA' APRIL, 2002**

**Numru: 11**

**Avviz Nru: 1342/01AE**

**Roosendaal Trading Limited**

**Vs**

**Nazzareno sive Reno Fenech**
**u b'digriet tas-7 ta' Jannar 2002**
**issejhet fil-kawza Jacqueline**
**Fenech**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' mija u zewg liri Maltin u hmistax-il centezmu (Lm102.15), hlas dovut ghall-bejgh u konsenja ta' merkanzija.

Ra r-risposta li giet prezentata mill-konvenut (fol. 8) li permezz taghha talab li tissejjah fil-kawza martu, u li huwa ma rcieva l-ebda konsenja ta' merkanzija.

Ra d-digriet tat-Tribunal tas-7 ta' Jannar 2002 li permezz tieghu ssejhet fil-kawza Jacqueline Fenech.

Ra li ghalkemm l-imsejha fil-kawza giet notifikata bl-atti (fol. 32), ma pprezentatx risposta fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti.

Semgha x-xhieda li tressqu mill-partijiet.

Ra l-atti tal-kawza.

Ikkunsidra:

1. It-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata. Mill-provi rrizulta li l-konvenut u l-imsejha fil-kawza huma mizzewgin, ghalkemm separati *de facto*.

2. Irrizulta wkoll li l-ismejha fil-kawza kienet tiggestixxi hanut (Reno's Bakery), u saret konsenja ta' merkanzija mis-socjeta attrici. Ix-xiri ta' merkanzija hija att normali ta' gestjoni ta' negozju, u bhala tali tista' ssir minn dik il-parti mill-mizzewgin li tkun qeghda tezercita n-negozju (Artikolu 1324 tal-Kap. 16). Il-konvenut ma jistax jezimi ruhu mir-

responsabbilta li jhallas billi jargumenta li kienet tmexxi kollox martu, u dan peress li jirrizulta li l-komunjoni ta' l-akkiwsti kienet ghadha tezisti fiz-zmien li sar in-negozju.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jilqa' t-talba tas-socjeta attrici u jikkundanna lill-konvenut u lill-imsejha fil-kawza sabiex ihallsu s-somma ta' mija u zewg liri Maltin u hmistax-il centezmu (Lm102.15), bl-imghax mid-data ta' kull invoice (fol. 18 u 20).

L-ispejjez (mhux inkluz id-dritt legali) kontra l-konvenut u l-imsejha fil-kawza.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur**